



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2019
(OR. en, it)

9172/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0061(COD)

CODEC 1053
VISA 109
FAUXDOC 40

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Italja

Fi spirtu ta' kompromess, l-Italja taċċetta t-test tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ippreżentat mill-Presidenza (6113/19).

Madankollu, hija tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal kwistjoni speċifika li d-delegazzjoni Taljana qajmet f'għadd ta' okkażjonijiet matul in-negozjati: it-tnaqqas tal-perijodu massimu li fih issir applikazzjoni għal viża għandu jiġi deċiż minn 60 għal 45 jum (l-Artikolu 23(2)). L-Italja jiddispjaċiha li, minkejja l-isforzi li saru matul in-negozjati, it-test ta' kompromess finali jvarja mill-mandat tal-Kunsill. Hemm riskju li d-dispożizzjoni l-ġdida mhix ser tkun kompatibbli mal-istruttura u l-ammont ta' xogħol tan-netwerk konsulari Taljan, b'mod partikolari f'każijiet eċċezzjonali fejn ikun meħtieġ aktar skrutinju tal-applikazzjonijiet.